# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Marzu, 2002

## Avviz numru : 86/2001GT(GM)

**Galea General Services Limited**

**vs**

**Mark Kevin Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:**

**"Illi l-konvenut xtara vettura tal-marka Opel Astra bin-numru ta' registrazjoni EAU-454 minghand is-socjeta' attrici.**

**Illi l-konvenut ma onorax il-pagamenti kif miftehema u sal-prezentata ta' din ic-citazzjoni hija dovuta is-somma ta' hames mija u wiehed u sittin lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm561.37) rapprezentanti pagamenti li kellhom isiru s'issa u ma gewx onorati.**

**Illi ghalkemm gie interpellat diversi drabi l-konvenut baqa ma hallasx il-bilanc dovut.**

**Ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob il-hlas ta' dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax dovut u l-ispejjes ta' dawn il-proceduri."**

**Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat, izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-13 ta' Marzu 2002 u dik tallum;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u wiehed u sittin lira Maltija u sebgha u tletin**

**centezmu (Lm561.37) bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**